**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 2 ta' Novembru 2021**

Rikors Numru: 211/21 AL

A B C D sive D

vs

E F

(MR Number 1229/1999)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi r-rikorrent u l-intimata zzewgu fir-Registru Pubbliku, Valletta gewwa Malta, nhar is-sebgha u ghoxrin ta' Lulju tas-sena elf, disgha mija u disgha u disghin (27.07.1999) u dana skond l-anness Certifikat taz-zwieg mmarkat Dok 'A';

2. Illi minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel G li twieled nhar is-7 t' Ottubru 2000 li Ilum huwa maggorenni u ghandu 20 sena kif jidher mietertifikat tat-twelid tieghu hawn anness bhala Dok 'B';

3. Illi r-rikorrent u l-intimata ilhom jghixu separatament minn xulxin mis-sena elfejn u hdax (2011) u ssussegwentement isseparaw minn xulxin b'mod uffitjali u legali permezz ta' sentenza minn din l-Onorabbli Qorti datata 5 ta' Dicembru 2018 per l-Imhallef Abigail Lofaro, rikors guramentat numru 132/2016 AL liema kopja tas-sentenza li ppronunzjat isseparazzjoni personali tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'C' ;

4. Illi Ilum il-gurnata m'hemm ebda prospett li r-rikorrenti u l-intimat jirrikonċiljaw stante li ilhom jghixu separatament ghal aktar minn ghaxar snin (10). In oltre illum il-gurnata ghandhom hajja separata minn xulxin;

5. Illi l-imsemmija sentenza ma' akkortax manteniment favur l-intimata u ghalhekk m'hemmx pendenzi bejn il-partijiet f'dan ir-rigward;

6. Illi r-rikorrent jixtieq jiddevorzja u jaqbel li z-zwieg ghandu jigi mahlul;

7. Illi dawn il-fatti sopra Citati jissodisfaw pienament il-kundizzjonijiet mehtiega ghallottjenimnet tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tawtorizza u tippronunzja d-divorzju ta' bejn A B D u E D u tiddikjara z-zwieg taghhom mahlul ai termini tal-Artikoli 66A et seq tal-Kodici Civili.

2. Tordna lir-Registartur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l- Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor li jidrilha xieraq u opportun.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimata li permezz tagħha esponiet:

1. Illi fl-ewwel lok jigi eccepit illi dawn il-proceduri gew intavolati erronjament billi lokkju tal-kawza huwa skorrett stante li l-intimata mhijiex E F izda E D kif jidher fil-Karta tal-Identita’ taghha (annessa u mmarkata DOK RN1).

2. Illi l-intimata u r-rikorrent izzewgu fis-27 ta' Lulju 1999 u minn dan iz-zwieg twieled G D fis-sena 2000 li llum-il gurnata huwa maggorenni izda ghadu student ai finijiet tal-Artikolu 3B (2) (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma kinitx aktar possibbli wara li r-rikorrent harab minn Malta numru ta' snin ilu, bejn wiehed u iehor fl-2011 u cioe’ meta t-tifel G D kellu biss hdax-il sena. Illi ghaldaqstant il-partijiet ilhom separati de facto sa minn tal-anqas mis-sena 2011.

4. Illi l-intimata ma kellha ebda informazzjoni ta' fejn seta' mar ir-rikorrent u ma kellhiex il-mezzi sabiex tiskopri dan u filfatt sa ricentement, l-intimata kienet ghadha qatt ma semghet aktar bih; Min-naha tieghu, ir-rikorrent lanqas ma ghamel kuntatt mal-esponenti jew ibnu f'Malta.

5. Illi ghalhekk dak iz-zmien, l-intimata kellha tintavola proceduri ta' separazzjoni personali [132/2016 AL deciza 5 ta' Dicembru 2018 fl-ismijiet E D pro et noe vs Kuraturi Deputati, annessa mar-Rikors tar-rikorrent] wara tali abbandun u sabiex tottjeni l-kura u kustodja tal-iben minuri stante li l-missier kien ghosfor ghal kollox minn hajjet E D u binhom G D.

6. Jirrizulta illi E D minn dejjem abitat fid-dar tal-genituri taghha u cioe` ma' ommha H F, anki fiz-zwieg, tant li in ritorn dejjem hadet hsieb u ddur b'ommha anzjana, sallum-il gurnata, li ghandha l-fuq minn tmenin (80) sena; u ghalhekk E D qatt ma setghet tahdem billi tiehu hsiebha;

7. Illi ghal bosta ragunijiet, l-intimata qatt ma seta' jkollha impjieg u l-uniku introjtu taghha gie mill-beneficcji sociali moghtija mid-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali;

8. Illi l-intimata dejjem hadet hsieb il-kura u kustodja ta' binha G D sal-lum-il gurnata li ghandu wiehed u ghoxrin (21) sena u li ghadha tiehu hsiebu bil-mezzi limitatissimi taghha u bl-ghajnuniet tal-beneficji socjali, tant li b'ghaqal zammitu fledukazzjoni kif hekk ghadu sal-lum fl-ITS (vide Dok RN2);

9. Illi mindu r-rikorrent sparixxa minn hajjitha, l-intimata batiet hafna sabiex setghet thallas kolllox wahidha ghat-trobbija u l-bzonnijiet kollha ta' binha, b'dan illi rrikorrent qatt ma taha flus jew manteniment u ma kellha ebda kuntatt jew idea ta' fejn hu. Jirrizulta li minn mindu r-rikorrent harab fl-2011 sal-lum qatt ma hallas manteniment favur it-tifel li kien minuri meta telaq u li ghadu sal-lum student li qieghed jippartecipa f'edukazzjoni, tahrig u taghlim full-time u huwa taht l-eta' ta' tlieta u ghoxrin sena (23); u wisq anqas lill-omm li qatt ma kienet fil-possibilita' li tahdem fic-cirkostanzi li hallieha fihom A D. Illi dan huwa ksur lampanti tal-principji tal-Artikolu 3B (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

10. Illi d-decizjoni sopra indikata ma eskludietx li l-intimata tkun supportata f'kaz ta' tibdil fic-cirkostanzi taghha. Jirrizulta madanakollu li stante li r-rikorrent kien mahrub, l-intimata ma setghetx tintavola ebda kawza sabiex jibda' jithallas il-manteniment bil-ligi favur taghha u ta' binha, li kif gja spjegat, ghadu jippartecipa fl-edukazzjoni abbazi full time; Pjuttost, ic-cirkostanzi tal-esponentikomplew jiggravaw.

11. Illi ma huwiex minnu li ma hemm ebda pendenzi bejn il-partijiet billi ghaddejin proceduri ta' medjazzjoni sabiex ir-rikorrent jivversa manteniment.

12. Illi billi issa r-rikorrent gie lura, ghandu jibda jivversa l-manteniment lill-intimata u lil ibnu, qabel jipprocedi b'talbiet ghal divorzju.

Ghaldaqstant, l-esponenti qieghda umilment toggezzjona ghad-divorzju kif rikjest mir-rikorrent, stante illi ma huwiex minnu li m'ghandu jaghti ebda manteniment ai finijiet u effetti kollha tal-ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha illi ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Gunju 2021;

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz tagħha qegħda toġġezzjona li jingħata dan id-divorzju peress illi r-rikorrenti kien għamel żmien twil, bosta snin, assenti minn Malta u ma għena bl-ebda mod fit-trobbija tal-minuri u l-anqas ma ta xi manteniment;

Il-Qorti rat illi fil-kaz odjern, minkejja li fis-sentenza ta' separazzjoni bejn il-partijiet ma kienx hemm l-ebda disposizzjoni fir-rigward tal-ħlas ta' manteniment tal-minuri, dan ġara peress li r-rikorrenti ma kienx Malta u l-intimata ma kinitx taf fejn jinsab;

Illi r-rikorrenti xehed u qal illi matul il-perjodu twil ta' snin li huwa ghamel barra minn Malta, kien jgħaddi manteniment lil ibnu permezz ta' sħabu f'Malta, izda meta mistoqsi mill-Qorti biex jgħid min huma sħabu, l-ismijiet u konjomhom biex jitilgħu jixhdu in sostenn ta' din id-dikjarazzjoni tieghu magħmulha taħt ġurament, ir-rikorrenti l-anqas ftakar isem wieħed biss u għalhekk il-Qorti tara li hu inverosimili illi r-rikorrenti effettivament kien qiegħed iħallas xi manteniment lill-intimata għal ibnu minuri tramite dawn it-terzi persuni;

Illi r-rikorrenti xehed ukoll illi issa, u cioe` dawn l-aħħar sentejn, tlieta li ilu Malta qiegħed jgħaddi xi tip ta' manteniment lil ibnu li għadu qiegħed jistudja u jnsab taħt l-eta` ta' tlieta u għoxrin sena, madanakollu ma kellu l-ebda prova ta' dan;

Illi l-qorti ma tistgħax tiskarta l-fatt illi għal snin twal ir-rikorrenti ma għadda l-ebda manteniment lil martu. Illi minkejja li ma hemm l-ebda digriet tal-Qorti jew sentenza li tobbligah jgħaddi il-manteniment, hija l-istess liġi li torbot lill-ġenituri li jmantnu lil uliedhom irrispettivament mill-fatt jekk ikunux impjegati jew le.

Illi wieħed mir-rekwiziti essenzjali li jrid jiġi sodisfatt sabiex il-qorti tkun tista` tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet huwa illi l-partijiet u uliedhom qegħdin jirċievu manteniment adegwat. Illi dan ir-rekwiżit ċertament ma ġiex ippruvat mir-rikorrenti;

Għaldaqstant il-Qorti qegħda tiċħad it-talbiet, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;